**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 67**

**Data: 9 ta' Mejju 2024**

**Hin: 4.45pm**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

67.1 Korrispondenza mill-Ghaqda 31 ta' Mejju dwar l-appell numru PAB77/2022.

---

67.1 Korrispondenza mill-Ghaqda 31 ta' Mejju dwar l-appell numru PAB77/2022

67.1.1 Is-Sindku spjega li kellha tissejjah laqgha b'urgenza fir-rigward ta' korrispondenza li kienet waslet fil-laqgha precendenti minghand l-Ghaqda 31 ta' Mejju 2003. Din il-korrispondenza kienet relatata mall-kamra tan-nar rigward appell li qed jidher quddiem il-bord. L-Ghaqda 31 ta' Mejju talbu lill-Kunsill sabiex jikkonferma min-naha tieghu dwar hajt kif kien precedentament. L-ittra inqrat mis-Sindku u tpoggiet fuq il-mejda flimkien ma' ritratti prezentati tal-post fl-1998 u wara li saru xi xogholijiet. Is-Sindku qal li huwa veru li saru xogholijiet ta' siment fit-triq u ghaldaqst dan il-punt jista' jigi kkonfermat. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni u nnota li mir-ritratti provduti jidher car li l-wisa' tat-triq u l-hajt kif kien mibni fuq il-blat. Intqal li llum tpoggew tipo ta' flower pot jew xi haga simili fit-triq bil-konsegwenza li t-triq iddejjqet.

Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li t-triq hija pubblika u mhux privata u ghaldaqstant il-hamrija tpoggiet f'post pubbliku u ddejjqet it-triq. Fuq talba tal-Ghaqda

31 ta' Mejju, l-Kunsill gie mitlub li jikkonferma l-wisa' tat-triq kif kien meta saret it-triq. Il-Vici Sindku Louis Apap u Joseph Mizziu staqsew jekk kienx hemm xi kejl fejn is-Sindku spejga li meta saret it-triq, il-Kunsill kien ha hsieb li jingab l-materjal u l-bdiewa hadu hsieb jaghmlu x-xoghol huma stess u huwa ghalhekk li l-Kunsill jista' jikkonferma l-wisa' tat-triq mir-ritratti li ghandu quddiemu. Is-Sindku gibet l-attenzjoni ukoll li l-Kunsill ma setghax ma jsejjahx laqgha fejn il-membri kollha ikunu infurmati qabel ma ssir ebda tip ta' konferma lit-tribunal.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn qabel unanimament li ghandhu jikkonferma skond l-evidenza li giet moghtija lilu mill-Ghaqda 31 ta' Mejju.

Giet ghalhekk moqrija ittra li ser tigi pprezentata quddiem it-Tribunal tal-Ippjanar. Din l-ittra tintbghat lill-avukat tal-Kunsill sabiex taghti l-verifiki taghha.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-risposta kif gie prezentata u kif tigi kkoreguta' mill-Avukat tal-Kunsill.

67.1.2 Il-laqghat spiccat fil-17.10.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv